**Laqgha Numru 18/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tmintax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 4 ta' Novembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Ghall-parti mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-28 ta' Ottubru 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2009.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Decizjoni dwar it-Tenders u l-Kwotazzjonijiet.**

**10. Is-Servizz ta' l-Avukat tal-Kunsill.**

**11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**12. Materji Ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 17/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

1.04. Il-Minuti gew approvati b'erba' voti favur u astenzjoni.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2009.

2.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma kienx hemm affarijiet pendenti.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 82/2009** b'rapport ta' l-intervisti ghall-post ta' skrivan/a part time **(Ara dokument A); Internal Memo 83/2009** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-ETC **(Ara dokument B); Internal Memo 84/2009** b'rapport tal-laqgha li saret mal-kumitat ta' Pembroke Athleta FC **(Ara dokument C); Internal Memo 85/2009** b'rapport ta' l-attendenza tal-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat **(Ara dokument D); Internal Memo 86/2009** b'rapport dwar it-tenders u l-kwotazzjonijiet **(Ara dokument E); Internal Memo 87/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 17/K6/2009 u 18/K6/2009 **(Ara dokument F); Internal Memo 88/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 17/K6/2009 u 18/K6/2009 **(Ara dokument G) u** Kopja ta' Flyer rigward attivita' ghar-residenti **(Ara dokument H).**

3.02. B'riferenza ghall-Internal Memo 82/2009, is-Sindku Joe Zammit qal li kif kien maqbul fl-ahhar laqgha tal-Kunsill, saru l-intervisti ghall-skrivan/a part time fejn kienu prezenti ghal dawn l-intervisti l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg **(Riferenza Internal Memo 82/2009)**

3.03. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghzel lis-sinjorina Ms. Sharon Micallef ghall-impjieg bhala skrivana Part Time mal-Kunsill.

3.04. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.05. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

3.06. Il-mozzjoni ghaddiet.

3.07. B'riferenza ghall-internal Memo 85/2009, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jirrakkomanda lill-Ministru sabiex il-post ma jkunx dikjarat vakant minhabba li n-nuqqas tal-prezenza tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet minhabba mard.

3.08. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.09. Il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat qalet li hija tal-misthija li laqghat jiccaqilqu minhabba safar u vaganzi tas-Sindku izda meta tkun ma tiflahx hija, dan ma jsirx.

3.10. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

3.11. Il-mozzjoni ghaddiet.

3.12. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li fix-xhur li ghaddew kien hemm kaz fejn kien hemm qbil informali bejn il-Kunsilliera li l-laqgha tal-Kunsill issir il-Gimgha minhabba li kienet ser issiefer fuq kura barra minn Malta, izda s-Sindku Joe Zammit ma accettax u l-laqgha ma saritx qabel u ghalhekk hija ma setghetx tattendi.

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li b'effett mill-laqgha t'illum kull laqgha tal-Kunsill trid iddum mhux aktar minn 3 sieghat skond l-emendi fl-Att tal-Kunsilli Lokali u ghaldaqstant qal li mhux ser jippermetti aktar diskussjoni li tkun twila jew barra mis-suggett tal-laqgha.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit qal li xi jiem ilu saret laqgha flimkien ma' l-Inginier Ronald Pace fil-prezenza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn zaru x-xoghol imharbat li sar mis-sezzjoni tal-WSC tad-Drenagg f'San Patrizju biex dahlu fejn hemm l-inspection chambers tas-sistema tad-drenagg li tibqa' niezla sa hdejn l-iskola primarja l-gdida. Il-kelliem qal li meta kienu hdejn l-iskola specjali San Miguel, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nnota zbroff tad-drenagg minn wahda mill-'inspection chambers'. Il-kelliem qal li l-Inginier Pace cempel lis-sezzjoni biex jigu jaraw il-hsara/sadd li hemm. Is-Sindku Joe Zammit qal li fl-istess hin l-Inginier infurmhom li se jkun qed jaghmel rapport biex isir ahjar l-access ghall-inspection chambers kif ukoll it-tkissir tas-sigar jitnehha u jerga jitranga l-istat ta' l-ambjent tal-madwar ghas-spejjes tal-Korporazzjoni ta' l-ilma.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li saret laqgha mad-dirigenti tal-Pembroke Athleta rigward l-attivita' importanti tal-ftuh ufficjali tal-grawnds taghhom li ser issir fis-27 ta' Jannar 2010. Il-kelliem qal li fil-laqgha d-dirigenti talbu biex il-Kunsill jaghmel pressjoni u biex jaghmel dak ix-xoghol li jista' biex iz-zona tal-grawnds tkun aktar sabiha minn kif qeda bhalissa zdingata u orribli. Il-kelliem qal li l-Kunsill wiegeb li ser ikun qed jaghmel l-almu tieghu kollha biex iressaq l-awtoritajiet responsabbli minn certi xoghlijiet li hemm bzonn. Is-Sindku Joe Zammit qal li rigward id-dawl il-Kunsill ser ikun qed jaghmel it-tlett lampi li originarjament kien approva li jsiru imma fl-istess hin se jkun qed jikteb lil kull min huwa responsabbli forsi isiru id-dawl it-triq kollha **(Riferenza Internal Memo 84/2009)**

4.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru, huwa flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamlu spezzjoni mall-kuntrattur tad-dawl u l-Perit Toni Bezzina fuq il-parti tat-trejqa li taghti ghall-grawnd tal-Pembroke Athleta. Il-kelliem qal li l-perit innota waqt iz-zjara fuq il-post li l-arbli tad-dawl ser ikunu fil-parti tat-terrapien u mhux fuq it-tarmak u ghalhekk l-istima ser tinzel hafna. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Perit ha ritratti tat-triq kif qeghda bhalissa fejn intalab li jibghat stima gdida ghall-installazzjoni ta' tlett jew erba' arbli. Il-kelliem qal li bir-raba arblu jaslu sal-kantuniera tad-dahla li saret bix-xoghol tal-housing. Il-kelliem qal li fil-frattemp il-kuntrattur infurmhom li kien gie l-Kunsill nhar it-Tlieta biex jiehu aktar informazzjoni minghand is-Segretarju Ezekuttiv li skond huwa dan ta' l-ahhar tah x'jifhem li ma hemmx fondi bizzejjed u li l-anqas ma kien jaf li l-Kunsill approva li jsiru t-tliet arbli li originarjament kien talab ghalihom il-Kunsill. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa kien staqsa lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jekk kienx infurmat li l-kuntrattur kien gie jaghmel spezzjoni wara li s-Sindku kien cempel lill-Kuntrattur biex jigi jaghmel spezzjoni kif approva l-Kunsill fl-ahhar laqgha. Il-kelliem qal li l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien wiegeb li ma kienx infurmat mis-Segretarju Ezekuttiv li gie il-Kuntrattur ghall-spezzjoni kif kien mitlub mis-Sindku biex jaghmel meta kien qed jassumi ir-responsabbiltajiet tas-Sindku.

4.05. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab li jaghmel kumment ghal dak li kien ghadu kif intqal.

4.06. Il-membri tal-Kunsill ma sabux oggezzjoni.

4.07. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li kien nhar l-Erbgha u mhux it-Tlieta li s-Sur James Agius gie l-Kunsill, liema mawra saret minghajr ebda appuntament u ghalhekk ma kienx hemm zmien biex huwa jinforma lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli minhabba li lanqas huwa ma kien jaf li kellu jigi s-Sur Agius. Il-kelliem zied jghid li s-sur Agius kien infurmah li huwa kien gie l-Kunsill sabiex jara meta ser jibda x-xoghol u liema xoghol ser jaghmel. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa kien informa lis-Sur Agius li l-intenzjoni tal-Kunsill hija li jsiru 3 jew 4 arbli l'izda minhabba li l-kwotazzjoni tieghu kienet gholja hafna u tlahhaq ghal €32,714.13 ghal 8 arbli, u li fid-dawl tal-budget li ghandu l-Kunsill li huwa ta' €8,000 sa l-ahhar ta' Marzu 2010, il-Kunsill ma setax jordna aktar minn zewg arbli (€32,714.13 / 8 = €4,089.27 * 2 = €8,178.54). Il-kelliem qal li s-Sur Agius kien sahansitra offra li jaghmel ix-xoghol u jithallas fuq perjodu ta' snin fejn huwa kien infurmah li ghalkemm dik kienet decizjoni tal-Kunsill huwa ma setax jirrakkomanda li l-Kunsill jaccetta minhabba li ghall-fini ta' finanzi din ma kienitx taghmel differenza ghax il-Kunsill inkella jispicca bi zbilanc. Il-kelliem staqsa lis-Sur Agius jekk jistax jirrevedi l-istima tieghu fid-dawl li hemm bicca xoghol kbira. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li meta s-Sur Agius ra l-istima provduta mill-Perit Toni Bezzina huwa qal li hafna mill-ispiza kienet minhabba x-xoghol ta' trinek u qal li kien ser jitkellem mal-Perit u jara jekk tistax tigi emendata l-istima. Il-kelliem qal li huwa kien qed jippropva jaghmel pressjoni ma' l-ADT sabiex jaghmlu l-bankina inkluz il-pajpijiet sabiex b'hekk titnaqqas l-ispiza u l-Kunsill ikun jista' jaghmel aktar arbli fejn ftit tax-xhur ilu 3 arbli kienu swew lill-Kunsill €4,017.77 minhabba li kien hemm kollox lest fil-bankina. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal ukoll li tant li l-istima setghet tigi riveduta li fil-fatt issa l-Kunsill rcieva stima ghal 4 arbli ghall-prezz ta' €10,810.69 jigifieri €5,546.39 anqas. Finalment is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg iddikjara li huwa qatt ma qal lill-kuntrattur li ma jafx li l-Kunsill ser jordna x-xoghol izda li l-Kunsill m'ghandux flus bizzejjed biex jordna x-xoghol kollu ghajr ghal zewg arbli biss skond l-istima tal-kuntrattur stess u ghalhekk dak li intqal qabel ma kienx veritier. Il-kelliem finalment staqsa lill-Kunsill li fid-dawl ta' l-istimi li waslu kif ukoll fid-dawl li s-sena finanzjarja ser tintemm f'Dicembru 2009 u mhux Marzu 2010, kemm ser jigu ordnati lampi.

4.08. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li s-Sindku Joe Zammit kien qallu li l-kuntrattur James Agius kien qallu li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien qal li s-Sindku Joe Zammit m'huwa xejn u huwa jikmanda fil-Kunsill.

4.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li dan il-kliem qatt ma kien intqal minnu.

4.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli staqsa jekk ix-xoghol huwiex ser isir jew le kif ukoll jekk il-Kunsill ghandux flus ghal dan ix-xoghol jew le.

4.11. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li sa l-ahhar ta' Marzu 2010 il-Kunsill ghandu allokazzjoni ta' € 8,000.00 .

4.12. Is-Sindku Joe Zammit qal li jekk kemm il-darba sa' l-ahhar tal-gimgha li gejja t-talba tal-Kunsill ghall-fondi specjali ma tigix accettata mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, huwa kien lest li jaghmel laqgha tal-Kunsill ghal-decizjoni finali.

4.13. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li ghaddew waqt laqgha li kellu fejn kien prezenti il-President ta' l-AKL M. Cohen, dan ta' l-ahhar infurmah li dwar il-kuntratt ta' l-skart l-AKL qed titlob li jkunu nfurmati bir-rati l-godda sabiex jintervjenu mal-Gvern.

4.14. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-laqgha li kellha issir fit-8:30am tat-Tnejn 2 ta' Novembru rigward il-konferenza tal-ECAD thassret wara li l-Onor. Chris Said kien

infurmah (il-gimgha fit-tard) li mhux possibbli li din issir minhabba l-Konferenza li ghaliha se jattendu id-90 Sindku minn Franza.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-22 ta' Ottubru u l-4 ta' Novembru 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/5433/09/I** 08/10/2009 Fuljett minghand il-Kumpanija TCTC fejn informa l-Kunsill bil-korsijiet li jixtieq jibda joffri flimkien mal-Kunsill.

**46/5452/09/I** 08/10/2009 E-mail minghand il-Kumpanija TCTC fejn b'riferenza ghal-laqgha li saret mieghu dwar il-kors E-Familja u Learn IT informa l-Kunsill li TCTC lesta tipprovdi l-artwok u l-Kunsill jiehu hsieb li jipprintja u jqassam il-fuljett fid-djar filwaqt li TCTC tipprovdi posters biex jitwahhlu fin-notice boards. Il-prezz ghal dawn il-korsijiet ghar-residenti ser ikun ta' €25 li jinkludi n-notes.

**46/5811/09/I** 23/10/2009 E-mail minghand TCTC fejn baghtet il-fuljett li jrid jitqassam gewwa l-lokal dwar il-korsijiet tal-kompjuter ta' E-Familja u Learn IT.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5433/09/I, 46/5452/09/I u 46/5811/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva kif ukoll li jsiru kopji u jitqassmu l-leaflets.

6.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.04. Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsillier Lauro Fava u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra minhabba nuqqas ta' attenzjoni mill-ghalliema.

6.05. Il-mozzjoni ghaddiet.

6.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li l-Kunsill fil-laqgha precedenti kien qabel li ghandha ssir laqgha ma' TCTC dwar il-possibilita' li dawn il-korsijiet ikunu miftuha wkoll ghar-residenti minn lokalitajiet ohra fil-vicin.

**46/5434/09/I** 08/10/2009 Kwotazzjoni minghand Med Developers, Designers Consultants Ltd. ghall-installazzjoni ta' lampa gdida fi Triq il-Mediterran ghall-prezz ta' €385.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5434/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif il-Kunsill ikollu bizzejjed finanzi ghandu jikkunsidra li jinstalla din il-lampa.

**46/5436/09/I** 08/10/2009 Kwotazzjoni minghand Med Developers, Designers Consultants Ltd. ghall-installazzjoni ta' lampa gdida fi Triq Manwel Buhagiar ghall-prezz ta' €300.50.

6.08. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5436/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif il-Kunsill ikollu bizzejjed finanzi ghandu jikkunsidra li jinstalla din il-lampa.

**46/5438/09/I** 08/10/2009 Kwotazzjoni minghand Med Developers, Designers Consultants Ltd. ghall-installazzjoni ta' lampa gdida f'Misrah il-Paci ghall-prezz ta' €971.50.

6.09. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5438/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kif il-Kunsill ikollu bizzejjed finanzi ghandu jikkunsidra li jinstalla din il-lampa.

**46/5443/09/I** 08/10/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza dwar il-mistoqsija jekk il-Kunsill jistax jaghmel uzu mill-persuna li ser jimpjega fuq bazi part time f'hinijiet ohra minbarra s-Sibt informa l-Kunsill li dan jiddependi mid-diskrezzjoni tal-Kunsill.

6.10. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5443/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jaghmel uzu mis-servizzi tal-persuna li intaghzlet aktar qabel fil-laqgha, meta tinhass il-htiega bhal meta jkun il-kaz li z-zewg skrivani jkunu indisposta fuq mard fit-tul jew vacation leave twil kif ukoll nhar ta’ Sibt.

6.11. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5446/09/I** 08/10/2009 **46/5876/09/I** 27/10/2009 E-mail minghand il-Perit Kevin Fsadni fejn baghat draft ta' tender tal-photovoltaic system u talab il-kummenti tal-Kunsill fuqu.

6.13. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5446/09/I u 46/5876/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropon a li l-Kunsill johrog dan it-tender u li l-mizata tkun ta’ € 50.00 kif ukoll li d-data ta’ l-gheluq ghandha tkun 18 ta’ Dicembru 2009 fil-11.00am.

6.14. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5462/09/I** 08/10/2009 Ittra minghand Ell’s Urban Services fejn informa l-Kunsill li jaccetta li jgedded il-kuntratt ta' patching.

6.16. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5462/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5666/09/I** 16/10/2009 E-mail minghand Green Dot Ltd. fejn talbu laqgha mal-Kunsill biex tigi diskussa l-iskema li qed joffru fuq skart ghar-riciklagg.

6.17. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5666/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5681/09/I** 19/10/2009 Kwotazzjoni minghand Embassy Cinema ghall-wiri ta' film ghall-prezz ta' €3.50 li jinkludi film u popcorn u €4.45 li jinkludi Film, popcorn u drink.

6.18. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5681/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5688/09/I** 19/10/2009 E-mail minghand MEUSAC Sharon Micallef fejn baghtet xi ezempji ta' attivitajiet li jistghu isiru taht il-programm Youth in Action.

6.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5688/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jidher li item 7 huwa nteressanti ghall-Kunsill u talab lill-Kunsill biex jiflu sewwa dan is-suggett halli l-Kunsill jorganizza xi attivita' taht dan l-item.

**46/5693/09/I** 20/10/2009 E-mail minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn fakkar lill-Kunsilli li huwa llegali li jitwahhlu riklami u posters ta' attivitajiet ma' arbli tad-dawl, hitan u sinjali tat-traffiku.

6.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5693/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jinforma ufficjalment lil kull hanut, ghaqda sportiva, entita' kummercjali b'dawn ir-regolamenti/ligi u ghalhekk qal li ghandhom jitnehhew kull reklam li hawn jigri f'Pembroke. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jara li jekk hemm bzonn jizdiedu n-numru ta' u-bars madwar Pembroke halli min irid kummercjalment jirreklama ma' dawn skond ir-rati li l-Kunsill ghandu fil-Bye Law relatata.

6.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda l-proposta tas-Sindku u zied li l-Kunsill ghandu jrahhas ir-rati tal-Bye Law halli jintuzaw aktar. Il-kelliem qal li jispera li jinqalghu r-reklami ta' kulhadd u mhux ta' xi hadd biss kif gara fil-passat.

6.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.23. Is-Sindku Joe Zammit qal li r-rati ghandhom jigu diskussa fil-laqgha li jmiss u dan wara li jintalab il-parir legali ta' l-Avukat sabiex issir l-emenda necessarja.

**46/5694/09/I** 20/10/2009 E-mail minghand l-iskola Sekondarja Sir Luigi Preziosi fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill biex jiddisponi minn xi hafna affarijiet bulky li ghandha l-iskola.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5694/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Kap ta' l-Iskola sabiex taghmel komunikat mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli sabiex jaraw x'hemm u dan sabiex bhal ma ttiehed materjal ta' skejjel ohra governattivi tal-lokal, jittiehdu ta' din l-iskola ukoll.

6.25. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5700/09/I** 20/10/2009 E-mail minghand Easy School of Languages fejn informat lill-Kunsill li qed ifittxu mpjieg ghal student bla hlas bejn it-Tnejn 9 ta' Novembru u l-Gimgha 18 ta' Dicembru 2009.

6.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5700/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din it-talba diga giet rifjutata.

**46/5701/09/I** 20/10/2009 E-mail minghand il-MEPA fejn talbu nimlew il-kwestjonarju li baghtu taht il-progarmm EPSON bl-isem ta' Euroislands.

6.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5701/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-kwestjonarju kien tlesta.

**46/5711/09/I** 21/10/2009 E-mail minaghnd l-AFM is-Sur Carmelo Pullicino fejn b'riferenza ghall-laqgha li kienet saret u wara komunikat mal-Vici Sindku, talab biex terga' ssir laqgha ohra biex jigu diskussa materji pendenti u specjalment dwar ir-retaining wall.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5711/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jaghmel din il-laqgha nhar il-Gimgha 6 ta' Novembru 2009.

6.30. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5719/09/I** 21/10/2009 Ittra minghand il-Perit Kevin J. Farrugia fejn qed jikteb f'isem ir-residenta Audrey Farrugia li toqghod 14, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche' fejn baghat survey tal-livelli ta' triq u talab lill-Kunsill biex serjament tittiehed azzjoni sabiex jitranga x-xoghol li qed isir bhalissa fit-triq u l-bankina.

6.32. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5719/09/I** is-Sindku Joe Zammit irrakkomanda li l-Kunsill ghandu jibghat din l-ittra lill-Perit responsabbli fl-ADT u lil kull min huwa responsabbli b'xi mod tax-xoghol li ghaddej bhalissa. Il-kelliem talab lill-Kunsill biex meta jkun hemm affarijiet ta' din ix-xorta, is-Segretarju Ezekuttiv ghandu jiehu mil-ewwel l-inizjattiva u jibghat lill-persuni responsabbli jew koncernati u mhux nistennew il-laqgha tal-Kunsill. Il-kelliem qal li apparti minn dan meta nqata' it-tarmac bil-magna x-xifer gie qisu xafra u qed ikun ta' hsara ghat-tyres tal-vetturi u ghalhekk ghandu isir ix-xoghol ta' resurfacing malajr kemm jista' jkun.

6.33. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg gibed l-attenzjoni tas-Sindku u tal-Kunsill li kemm qabel dahal dan ir-rapport jigifieri fis-16 ta' Ottubru **(Ara dokument I)** kif ukoll dlonk kif wasal rapport ghand il-Kunsill jigifieri fil-21 ta' Ottubru **(Ara dokument J)** huwa kien baghat e-mail kemm lill-kuntrattur kif ukoll lill-WSC u lil dawk kollha koncernata u fil-fatt kellha ssir laqgha nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru, liema laqgha giet posposta mill-kuntrattur. Il-kelliem qal li ghalhekk huwa jhoss li kien ha azzjoni mmedjatament apparti site visits li ghamel huwa mal-Vici Sindku meta s-Sindku kien fuq btala. Finalment il-kelliem fakkar lis-Sindku li l-laqgha issa ser issir nhar il-Gimgha 6 ta' Novembru minhabba li ma setghetx issir qabel minhabba li s-Sindku stess ma jistax nhar it-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgha minhabba mpenji ohra.

6.34. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa nfurmat li l-kuntrattur tat-tarmac inbidel. Il-kelliem qal li taht il-bankina ta' Triq il-Mediterran hemm hofra ta' sular u nofs u filghaxija hija perikoluza u ppropona li tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.

6.35. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.36. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5736/09/I** 22/10/2009 E-mail minghand Hermann Bonaci Productions fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex nhar is-Sibt 14 ta' Novembru mill-10.00am l'quddiem tinghalaq Triq Tobruk u Triq Arnhem ghat-traffiku sabiex jigbdu filming ta' l-ahhar episodju mis-sensiela Missjoni li jintwera fuq NET TV kull nhar ta' Erbgha.

6.37. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5736/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghti dan il-permess fuq premessa li jkun hemm il-prezenza tal-Gwardjani Lokali matul ix-xoghol sabiex jidderigu t-traffiku. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jinnota li saru shooting tal-programm 'Dellijiet' li jixxandar fuq TVM u ma intalab ebda permess tal-Kunsill.

6.38. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li l-produttur tal-programm Paqpaq qed jaghmel hsara ambjentali meta jipparkja vetturi fuq il-haxix u talab li ghandha tingibidlu l-attenzjoni.

6.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5738/09/I** 22/10/2009 E-mail minghand l-ECAD fejn informat lill-Kunsill li l-laqgha li jmiss tal-Bord ser issir nhar il-Gimgha 5 ta' Frar 2010 gewwa Vise fil-Belgium u

nformat lill-Kunsill bl-ajruporti li jinsabu vicin il-post.

6.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5738/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li din il-korrispondenza ghandha tintbghat lill-Onor. Dr. Chris Said ghall-attenzjoni tieghu kif ukoll sabiex tkun diskussa fl-ewwel laqgha tal-Kumitat ta' Azzjoni li se jahtar l-Onor. Said u li Pembroke huwa rraprezentat mis-Sindku u mill-Vici Sindku. Il-kelliem qal li kull korrispondenza ghandha tintbghat lill-Onor. Chris Said.

6.41. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5741/09/I** 22/10/2009 E-mail minghand Pembroke Athleta Football Club fejn b'riferenza ghall-laqgha li saret nhar l-Erbgha 21 ta' Ottubru qed jifhem li l-installazzjoni ta' 3 poles tad-dawl ser jibdew mill-bidu ta' Triq il-Mediterran ghall-ground u talbu l-Kunsill jekk jistax jaghmel l-arrangamenti mehtiega mal-pulizija biex fl-inawgurazzjoni jikkontrollaw il-karozzi li jkunu nizlien fit-triq ghall-ground bejn it-3.00pm u d-9.00pm.

6.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5741/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu jara li jkun hemm il-prezenza tal-Pulizija f'din l-attivita' kif ukoll tal-Gwardjani Lokali. Ghalhekk ippropona li l-Kunsill minn issa jitlob ghal dan is-sevizz. Rigward il-bzonnijiet l-ohra l-kelliem qal li l-Kunsill diga baghat l-ittri lil kull awtorita' u Ministeri li huma responsabbli minn dak li hemm bzonn. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-fatt l-Onor. Dr. Chris Said irrisponda lill-Kunsill fejn informa lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jaghmel kuntatt mal-Ministeru tieghu halli issir laqgha rigward il-bzonnijiet ta' din l-attivita'.

6.44. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5765/09/I** 23/10/2009 E-mail minghand il-librar is-Sur Simon Cutajar fejn informa l-Kunsill li ffirma l-kuntratt u ghandu bzonn li l-kxaxen kollha jissakru, jinxtara cupboard kif ukoll kontenitur ghall-umbrelel.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5765/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jixtri ricipjent ghall-umbrelel, li huwa ser jara kif jistghu jissakkru l-kxaxen kif ukoll li t-talba ghall-cupboard ghalissa ma tigix accettata minhabba li ma jarax in-necessita'.

6.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5806/09/I** 23/10/2009 Memo 68/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Hinijiet tal-laqghat tal-Kunsill.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5806/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dawn il-mizuri huma b'effett mill-1 ta' Novembru 2009.

**46/5808/09/I** 23/10/2009 E-mail minghand Radisson is-Sur Malcolm Saliba fejn ikkonferma li ser jaghtu xi ikel ghall-festin ta' l-anzjani li ser isir nhar il-Hamis 10 ta' Ottubru 2009.

6.50. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5808/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5814/09/I** 23/10/2009 E-mail minghand Dr. David Spiteri li joqghod 58, Triq Mikiel Ang Grima fejn baghat ritratti tal-palm infettat li hawn gewwa l-lokal u talab lill-Kunsill jaghmel pressjoni mad-Dipartiment koncernat sabiex jinqalghu.

6.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5814/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li fil-fatt fl-ahhar laqgha tal-Kunsill kien deciz li jitnehhew 10 palmiet li kien indika l-Kunsill. Il-kelliem informa lill-Kunsill li sallum id-dipartiment ghadu ma giex jaqta' il-palm infettat li ghandu s-sur Peter Borg ta' Palm House li huwa kerrej tal-Gvern u mhux Home owner u ghalhekk il-Kunsill ghandu jinforma lid-dipartiment ghan-nom tar-resident bid-dewmien l'ilhom u rrakkomanda li jekk sa laqgha ohra dawn ma jinqatawx, ghandu jidhol ghal dan ix-xoghol il-Kunsill u jitlob rimburzar ta' l-ispejjes ghax anke id-dipartiment mhux jimxi ma' dak elenkat fl-Att ippublikat.

6.52. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli xtaq ikun jaf min huwa sid il-palm fil-lokal.

6.53. Is-Sindku Joe Zammit qal li skond l-Att tal-Kunsilli Lokali u skond kif jahsibha huwa, huwa l-Kunsill responsabbli mill-palm li hawn fil-lokal.

6.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli xtaq ikun jaf ghala l-Kunsill ittermina l-kuntratt tal-qlugh tal-palm kif ukoll ghala l-palm li kien hemm marid ma giex maqlugh mill-ewwel.

6.55. Wara diversi kummenti u diskussjoni, is-Sindku Joe Zammit qal li l-palm ma kienx inqala' minhabba li l-Kunsill ma kelux flus biz-zejjed kif ukoll li dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt il-kelliem qal li dan sar abbazi li l-Gvern kien qed jipprovdi dan is-servizz minghajr hlas u ghalhekk ma kienx lok li l-Kunsill jonfoq il-flus u jigi akkuzat li mhux qed jaghmel uzu minn servizz minghajr hlas.

6.56. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rrimarka li skond ma qed jinghad ifisser li l-palm ma nqalax minhabba li l-Kunsill ma kellux flus. Il-kelliem rega' qal li ma jafx ghala l-Kunsill dam zmien sabiex jinqalghu sigar li kienu qed jimirdu.

6.57. Is-Sindku Joe Zammit qal li kieku l-Kunsill ma kellux dhul iehor mill-LES, il-Kunsill ma kellux fondi biex jaghmel dan ix-xoghol. Il-kelliem qal l'apparti minn dan qatt hadd mill-membri tal-Kunsill ma' ressaq proposta biex jinqalghu. Il-kelliem qal ukoll li qabel jigi ordnat xoghol dan ghandu jkun approvat mill-Kunsill, liema approvazzjoni qatt ma saret.

6.58. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghal aktar minn darba rega' staqsa ghala ma inqalax il-palm li kien hemm mejjet u marid.

6.59. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, x'rid minnu, u rega' qal li dan ma kienx inqala' minhabba li ma kienx hemm flus.

6.60. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li dan ma jghoddx ghal kull azzjoni minhabba li l-ittra li baghat is-Sindku biex jitlob il-permess ta' l-ADT biex isiru road humps fi Triq Cassino ma gietx approvata mill-Kunsill u xorta ntbaghtet fuq struzzjonijiet li ta s-Sindku.

6.61. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat ukoll li fil-passat hija kienet resqet proposta biex jinqalghu l-palm.

***6.62. Fis-7.10pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat u halla l-kamra minhabba li qal li kellu nteress pekunarju vis-a-vis il-kuntrattur Karmenu Mazzitelli.***

6.63. Wara diskussjoni, is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill inehhi l-palm kollu marid inkluz tal-Palm House bil-kuntrattur li ghandu l-Kunsill u dan ghas-spejjez

ghall-Kunsill. Il-kelliem talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jikkomunika dwar dan mad-Direttur ghall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jinghata l-permess li jintuzaw il-fondi ghat-toroq sabiex isir dan ix-xoghol.

6.64. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fuq decizjoni li ttiehdet fil-laqgha li ghaddiet, liema decizjoni ghadu kif ghamel rifrerenza ghaliha s-Sindku Joe Zammit, il-Kunsill ma kellux kuntrattur minhabba li l-kuntratt kien gie tterminat fil-laqgha precedenti.

6.65. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda l-proposta tas-Sindku.

6.66. Il-mozzjoni ghaddiet ghal-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet u l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

6.67. Il-mozzjoni giet approvata.

6.68. Il-Kunsillier Lauro Fava qal li ma jistax ikun li wara li ntefqu l-flus kollha ta' l-LES, giet rifjutata l-proposta tal-kumitat taz-zghazagh, jitwaqqa' l-kuntratt tas-sur Karmenu Mazzitelli, u wara jigu approvati infieq ta' flus liema flus il-Kunsill m'ghandux. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghandu jaghmel insistenza u pressjoni mad-Dipartiment tal-PARKS sabiex inehhi dan il-palm minghajr hlas kif kien irrimarka s-Sindku aktar qabel.

***6.69. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega dahal ghal-laqgha fis-7.30pm.***

**46/5816/09/O** 23/10/2009 E-mail li l-Kunsill baghat Roccalumera fejn b'riferenza ghall-Youth Programme nfurmajnihom illi huma jridu japplikaw bhala leader u l-Kunsill ikun bhala partner u hemm programm iehor li d-deadline jaghlaq fi Frar 2010 u baghtna kopja ta' l-ezempji li baghtu l-MEUSAC fejn fosthom hemm Football Leagues u Tournaments.

6.70. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5816/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5825/09/O** 26/10/2009 Ittra li baghtna l-Kunsill Lokali Birgu fejn b'riferenza ghall-artiklu li deher fuq il-gazzetta The Times ta' nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru il-Kunsill talab li jintbaghat kopja tal-ftehim li l-Kunsill tal-Birgu ghamlu mal-Kunsill Malti ghall-Isport fuq l-uzu tal-facilitajiet sportivi.

6.71. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5825/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5826/09/O** 26/10/2009 Ittra li baghtna l-Malta Hospice Movement fejn b'riferenza ghall-artiklu li deher fuq il-gazzetta The Times ta' nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru l-Kunsill talab ikun jaf xi pjanijiet ghandha l-ghaqda ghall-bini ta' facilitajiet fil-lokal ta' Pembroke.

6.72. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5826/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5830/09/I** 26/10/2009 Ittra li baghat l-Avukat Dr. Martin Fenech f'isem Massimo Giliberti li joqghod Blokk 4, Flat 10, Triq Sir Luigi Preziosi sid tal-vettura BAV 471 sabiex jinhareg permess ghall-karozza u tkun tista' tinzamm quddiem ir-residenza taghhom.

6.73. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5830/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-karozza ilha s-snin tintuza minn din il-persuna u ghalhekk

irrakkomanda biex il-Kunsill jitlob il-permess ta' l-ADT biex taghti l-permess biex din il-vettura tinzamm fiz-zona tar-resident's parking scheme.

6.74. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-permess jinhareg mill-Kunsill u mhux mill-ADT u ghalhekk skond l-Att huwa l-Kunsill li jiddeciedi. Il-kelliem informa lill-Kunsill li sid il-vettura m'ghandux l-ID tieghu fuq il-lokal.

6.75. Wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob lis-sur Giliberti sabiex jipparkja l-vettura tieghu fil-postijiet fejn m'hemmx restrizzjonijiet u dan minhabba li huwa m'huwiex meqjus bhala resident.

6.76. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li Triq Falaise m'ghandiex tibqa' Residential Parking Scheme.

6.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5834/09/I** 26/10/2009 Ittra minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-inizzjattiva premju lokalitajiet indaf infurmaw lill-Kunsill li l-lokal ta' Pembroke ser jinghata sa massimu ta' €500 biex jinxtraw 500 basket tac-carruta biex jitqassmu lill-genituri tat-tfal ta' l-iskola u lir-residenti.

**46/5952/09/I** 29/10/2009 Kwotazzjoni minghand Misprint Promotional Services Ltd. ghall-basktijiet tax-xoqqa ghall-prezz ta' €0.82c il-wiehed + il-VAT.

6.78. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5834/09/I** is-Sindku Joe Zammit talab li tinhareg sejha ghall-kwotazzjonijiet ghall-1,200 basket tac-carruta bil-logo tal-Kunsill u bi kliem b'harsien lejn l-ambjent. Il-kelliem talab li l-Kunsill ghandu jitlob lill-Banek sabiex jiffinanzjaw il-kumplament.

6.79. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li s-supplier li kien issuplixxa u printja l-basktijiet sentejn ilu, kien lest li jaghmel dawn il-basktijiet bl-istess prezz kif indikat fil-kwotazzjoni tieghu.

6.80. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jaghmel uzu mis-servizzi tal-kumpanija Misprint Promotional Services Ltd.

6.81. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.82. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5836/09/I** 26/10/2009 Kopja ta' e-mail li s-Sindku Joe Zammit ircieva minghand is-Sur Ian Fenech tal-Magister Academy fejn infurmah li l-grupp minn Roccalumera gejjien bejn il-15 u l-21 ta' Novembru u xtaqu li bhal ma sar is-sena li ghaddiet nhar l-Erbgha 18 ta' Novembru f'xi hin filghodu izuru l-iskola Sir Adrian Dingli.

**46/5944/09/I** 29/10/2009 E-mail minghand Magister Academy fejn b'riferenza ghaz-zjara li se jaghmlu grupp minn skola f'Roccalumera bejn il-15 u l-21 ta' Novembru staqsew jekk hux possibbli li nhar l-Erbgha 18 ta' Novembru l-istudenti jzuru l-iskola Sir Adrian Dingli bhal ma sar is-sena l-ohra.

6.83. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5836/09/I u 46/5944/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li bhas-sena li ghaddiet il-Kunsill staqsa lill-Kap ta' l-Iskola jekk tixtieqx tospita lill-grupp u jekk ir-riposta tkun fil-pozittiv allura wara ninfurmaw lill-Magister Academy biex jiehdu hsieb it-trasport l-hemm u l-hawn minnaha taghhom. Il-kelliem qal li naturalment qabel jinzlu l-iskola jieqfu ghal zjara l-Kunsill.

6.84. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ikkummentat li kull korrispondenza ghandha tintbaghat lill-Kunsill u mhux lis-Sindku fuq l-email personali tieghu. Il-kelliema talbet li l-Magister Acadamey ghandhom jigu nfurmati b'dan bhal ma kien ippropona s-Sindku meta kellha kaz simili hija.

**46/5840/09/I** 26/10/2009 E-mail minghand is-Sinjura Juliana Scerri Ferrante fejn informat lill-Kunsill li minkejja l-ittri li ntbaghtu dwar it-triq u l-bankina ghadu ma sar xejn u r-residenti ma gewx assigurati li t-tarmak ta' Triq Dun Amabile Sisner ser isir il-wisa' kollu tat-triq u ser isiru l-bankini godda.

6.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5840/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jinforma lil din is-sinjura li l-Kunsill ghamel u qed jaghmel dak kollu mitlub minnu skond il-ligi tal-Kunsilli Lokali kif ukoll li ghamel rapprezentazzjoni ma' min huwa responsabbli mix-xoghol/progett.

6.86. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.87. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.88. Waqt diskussjoni li saret kien hemm qbil li r-residenti kollha ta' Pembroke ghandhom jigu nfurmata li l-iskart fil-lokal jingabar filghodu u ghalhekk l-iskart ghandu jinhareg ftit qabel jingabar. Sar ilment ukoll li fi Triq Madre Margherita de Brincat hemm residenti li ghamlu ranep tal-konkos fit-triq, liema ranep huma llegali u talbet li l-Kunsill jiehu azzjoni sabiex dawn jitnehhew

6.89. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser jergghu jintbaghtu l-ittri sabiex ir-residenti jigu nfurmata li ma jistghux jaghmlu ranep fissi fit-triq fuq it-tarmak.

**46/5845/09/O** 26/10/2009 E-mail li s-Segretarju baghat lis-Sindku fejn infurmah li l-kaz ta' Miss Malta u l-kaz tat-trasport ghall-anzjani huma zewg kazijiet differenti fejn dwar il-kaz ta' Miss Malta l-Kunsill diga ghandu l-invoice u dwar l-anzjani ghad ma hemmx data u zgur li l-attivita' ser issir wara l-1 ta' Novembru 2009.

6.90. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5845/09/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li huwa qed jibqa' jsostni li din il-materja qamet fil-laqgha li ghaddiet u fil-fatt issemmiet mill-Vici Sindku b'riferenza ghal-laqgha li saret ma' l-anzjani u li biex jippreparaw ghall-attivita' li ser issir f'Novembru bilfors it-talba taghhom kellha issir f'Ottubru biex jikkonkludu l-prezz li ser jitolbu. Il-kelliem ghalhekk ippropona li huwa jhoss li l-Kunsill kien ikun korrett li JAPPROVA din it-talba ta' l-anzjani ghall-attivita' li ser jorganizzaw f'Novembru, izda kull talba ohra futura WARA l-1 ta' Novembru ma tkunx milqugha.

6.91. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u zied li ma jistax jifhem kif meta jkun hemm attivita' l-Kunsilliera jkollhom ihallsu taghhom ukoll u talab li tintalab kjarifika minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

6.92. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5852/09/I** 26/10/2009 E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informa l-Kunsill li l-appell tas-seduta li jmiss ser issir fl-20 ta' Novembru 2009 fis-2.00pm fl-ufficcju tal-AKL.

6.93. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5852/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5882/09/I** 27/10/2009 E-mail minghand is-Sur Alex Fench mill-Garden View Holiday Complex fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill biex jipromwovi l-gym taghhom bl-isem

Thinkfitness Health and Fitness Centre li jinsab fil-Garden View.

6.94. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5882/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' tal-Garden View.

6.95. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda u zied li ghandu jintalab il-parir tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk hemmx bzonn li jingabru 3 kwotazzjonijiet meta l-Kunsill jorganizza attivita' ghar-residenti, ghall-liema attivita' l-Kunsill ma jkunx ser johrog ebda flus.

6.96. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5920/09/I** 28/10/2009 E-mail minghand in-Novitas Ltd. fejn talbu laqgha mal-Kunsill sabiex jigi diskuss x'joffru l-kumpanija fil-qasam tas-Sahha.

6.97. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5920/09/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiltaqa' mad-dirigenti tal-kumpanija.

6.98. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

6.99. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5955/09/I** 29/10/2009 Ittra minghand il-kumpanija Pro-Health fejn infurmat lill-Kunsill li s-Sur Noel Saliba li joqghod Blokk 4, Flat 2, Triq Sir Luigi Preziosi huwa mpjegat mal-kumpanija Pro-Health Ltd. u juza l-karozza ta' tip Toyota Yaris bin-number plate DBN 976 kuljum u anke fil-weekends.

6.100. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5955/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-karozza ilha s-snin tintuza minn din il-persuna u ghalhekk irrakkomanda biex il-Kunsill jitlob il-permess ta' l-ADT biex taghti l-permess biex din il-vettura tinzamm fiz-zona tar-resident's parking scheme.

6.101. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-permess jinhareg mill-Kunsill u mhux mill-ADT u ghalhekk skond l-Att huwa l-Kunsill li jiddeciedi. Il-kelliem informa lill-Kunsill li sid il-vettura ghandu l-ID tieghu fuq il-lokal.

6.102. Wara diskussjoni s-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba u ghalhekk ghandu jinhareg il-permess relatat minhabba li l-persuna huwa resident fil-lokal.

6.103. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.104. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5959/09/I** 30/10/2009 Ittra minghand is-Sur Johann Camilleri li joqghod 36, 'Shilly Shally', Triq Gio Felice Inglott, fejn informa l-Kunsill li huwa student li qieghed fl-ewwel sena tal-Junior College li jixtieq jaghmel xoghol volontarju fil-Kunsill fis-Sajf li gej.

6.105. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5959/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li bhal ma' sar fis-snin li ghaddew ma' studenti ohra minn Pembroke, din it-talba ghandha tkun milqugha ukoll.

6.106. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.107. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.108. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li l-ahhar progett li sar ta' story telling ma kienx qed isir mill-istudent wahdu izda kien hemm l-ghajnuna diretta tal-genituri u ghalhekk irrimarkat li l-Kunsill ghandu joqghod attent.

6.109. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa qatt ma kien avvicinat biex iffirma dokumenti lill-istudent li ha hsieb l-istory telling, kif normalment isir u ghalhekk ma kienx jaf b'dan.

6.110. Is-Sindku Joe Zammit qal li kien huwa li ffirmalu r-rakkomandazzjoni fil-bidu u fi tmiem il-progett.

**46/5964/09/I** 30/10/2009 Ittra minghand il-MEPA fejn informaw lill-Kunsill bil-wirja dwar gallariji ta' l-injam u l-iskema tal-MEPA ta' Ghotjiet ta' flus ghar-restawr taghhom u staqsew lill-Kunsill jekk jixtieqx li ssir esebizzjoni fl-ufficcju tal-Kunsill u ssir prezentazzjoni qasira mill-MEPA ghall-interess tal-pubbliku.

6.111. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5964/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-MEPA sabiex jaraw x'tinvolvi.

6.112. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.113. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5732/09/I** 22/10/2009 Memo 65/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-Att Numru XVI tal-2009 avviz ta' bidu ta' sehh.

6.114. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5732/09/I** is-Sindku Joe Zammit fakkar lil kull Kunsillier biex jifli sewwa l-emendi godda fl-Att imsemmi u li ser ikun hemm laqgha tal-Kunsill ghad-diskussjoni ta' dan l-ATT.

**46/5779/09/I** 23/10/2009 Memo 66/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Mistoqsijiet Parlamentari numri 11646 dwar progetti bejn Gvern Centrali u l-Kunsilli Lokali 2004-2009 u 11650 dwar progetti proposti mill-Kunsilli Lokali mal-Gvern Centrali u Memo 67/2009 - Mistoqsija Parlamentari Numru 11643 dwar kemm kienu s-Sindki u l-Vici Sindki li servew kemm ilhom li gew imwaqqfa l-Kunsilli Lokali.

6.115. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5779/09/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg biex jibghat din l-informazzjoni.

6.116. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li l-informazzjoni kienet diga ntbaghtet.

**46/5839/09/I** 26/10/2009 Ittra minghand il-Kurja ta' l-Arcisqof Fr. Mario Camilleri fejn b'riferenza ghall-attivita' li l-Kunsill jixtieq jorganizza ma' l-Arcisqof, baghtu jistaqsu kemm ser ikun hemm nies bejn wiehed u iehor u jekk hemmx xi gurnata ppjanata.

6.117. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5839/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiddeciedi fuq il-gurnata halli tintbaghat cirkulari lir-residenti halli l-Kunsill jara kemm ser ikun hemm konkorrenza.

6.118. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u qal li din ghandha ssir it-Tlieta l-1 ta' Dicembru 2009 filghodu.

6.119. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5865/09/I** 26/10/2009 E-mail minghand Network Infrastructure, il-Perit Gordon Zammit fejn b'riferenza ghall-ittra li baghtna dwar access dicenti ghall-facilitajiet sportivi ta' Pembroke Athleta nforma l-Kunsill li ghadda l-email lill-Inginier regjonali sabiex jara t-talba tal-Kunsill.

6.120. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5865/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5868/09/I** 26/10/2009 E-mail li baghat l-Authorised Officer is-Sur David Soler fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar ir-Residential Parking Scheme nforma l-Kunsill li l-gwardjani lokali ser imorru jimmoniterjaw is-sit izda mhux ser johorgu kontravenzjonijiet qabel ma jinhareg l-avviz legali.

6.121. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5868/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5870/09/I** 26/10/2009 Memo 69/2009 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn staqsew lill-Kunsill jekk ghandux post ghall-kiri biex jintuza bhala ufficini Regjonali.

6.122. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5870/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/5880/09/I** 27/10/2009 E-mail minghand l-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport fejn baghtu stedina ghal seminar li ser isir nhar il-Hamis 5 ta' Novembru 2009 gewwa Dar il-Mediterran ghall-Konferenzi dwar immanigjar ta' traffiku, sahha u sigurta' fit-toroq.

6.123. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5880/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba mpenji ta' xoghol mhux possibli li jattendi ghalhekk talab jekk hemm'x xi Kunsillier li jista' jmur u jekk hadd imur is-Segretarju Ezekuttiv.

6.124. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan is-seminar gie pospost ghas-26 ta' Novembru 2009.

6.125. Is-Sindku Joe Zammit qal li min jixtieq jattendi ghandu jinforma Iis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

**46/5932/09/I** 29/10/2009 Kopja ta' l-ittra li l-Onor. Dr. Chris Said baghat lill-Ing. Karl Camilleri tal-Korporazzjoni Enemalta fejn infurmah li mhux accettabbli li fuq kwistjoni mal-Kunsill l-Enemalta taqta' d-dawl tar-residenza privata tas-Sindku jew Kunsillier/impjegat tal-Kunsill u ssugerixxa li ssir laqgha mal-Kunsill fejn huwa lest li jkun prezenti ghal din il-laqgha.

6.126. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5932/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li filwaqt li pubblikament jirringrazzja lill-Onor. Dr. Chris Said talli ghat-tielet darba ntervjena biex id-dawl tad-dar tieghu ma jinqatax, il-kelliem irringrazzja ukoll ghal-intervent ta' l-ahhar darba lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li mar id-dar tieghu u assista lill-mara tieghu waqt li haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta ridu jaqtghu d-dawl u kien huwa li kkomunika ma' l-Onor. Dr. Chris Said. Il-kelliem tenna li din il-pozizzjoni li qed jiehu qed issir biex il-Kunsill Lokali Pembroke ma jhallasx ghal dawl li m'ghandu l-ebda delega li jaghmel kif ukoll fuq principju li dawl pubbliku jithallas mill-Gvern jew mill-Korporazzjoni u mhux mill-Kunsill.

**46/5933/09/I** **46/5934/09/I** 29/10/2009 E-mail minghand l-FTZ is-Sur Jesmond Xuereb fejn b'riferenza ghall-progett Med Strategy informa l-Kunsill li ser jaghmel komunikat mal-Kunsill fil-jiem li gejjien bex jiddiskuti aktar fid-dettal dan il-progett.

6.127. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/5933/09/I u 46/5934/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.128. Fuq interpellanza tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, is-Sindku Joe Zammit rega' tenna li kull spejjez ghal dan il-progett, jekk kemm il-darba jsir, ser jinhargu mill-FTZ u l-istaff kollu tal-Kunsill mhux ser ikollu x'jaqsam xejn.

**46/5935/09/I** E-mail minghand l-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali fejn informaw lill-Kunsill li

29/10/2009 qed jilqghu applikazzjonijiet ghall-partecipanti fi progett tal-Unjoni Ewropeja taht il-Youth Programme u l-applikazzjonijiet jaghlqu nhar it-Tnejn 2 ta' Novembru.

6.129. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5935/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba l-limitazzjoni taz-zmien ma kienx possibli li l-Kunsill ta' Pembroke jiehu sehem f'dan il-programm.

**46/5945/09/I** 29/10/2009 E-mail minghand Comune di Roccalumera fejn informat lill-Kunsill li rceviet l-email dwar il-programm Youth in Action u staqsiet minn ser jiehu hsieb il-progett b'tali mod li jahdmu l-proposta flimkien.

6.130. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/5945/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex flimkien mieghu jiehu hsieb dan il-progett ikun hemm ukoll il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat anke minhabba 'no language barrier' u ghax diga assistit lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fil-progett li sar qabel u minhabba li l-Vici Sindku ser jkun imsiefer ghal 3 xhur.

6.131. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda u qal li huwa mhux ser ikun prezenti u talab li l-Kunsill jikkomunika ma' Pembroke Athleta fuq dan il-progett.

6.132. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/6005/09/I** 02/11/2009 E-mail minghand l-Ufficcju ta' l-Onor. Chris Said fejn infurmaw lill-Kunsill bl-inizjattiva bl-isem niehduk Ghawdex li hija mmirata ghall-anzjani u l-penzjonanti biex iqattghu erbat ijiem Ghawdex bi prezz ridott hafna u qed jigu mistiedna s-Sindku u/jew il-Kunsillier responsabbli mill-anzjani kif ukoll l-ufficcjali ta' l-ghaqdiet tal-penzjonanti u l-anzjani biex bejn id-9 u t-12 ta' Novembru jaghmlu esperjenza f'Ghawdex b'xejn. Risposta sa qabel nhar il-Hamis 5 ta ' Novembru 2009.

6.133. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/6005/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jattendi l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli.

6.134. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.135. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghall-Minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt.

## 08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit qal li ma jidher li ma hemmx attivitajiet godda ghall-gimghat li gejjien.

## 09. Decizjoni dwar Tenders u Kwotazzjonijiet.

9.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill ghall-Internal Memo 86/2009.

9.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

9.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.04. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

9.05. Il-mozzjoni ghaddiet.

***9.06. Il-laqgha giet sospiza fit-8.35 pm.***

***9.07. Il-laqgha tkompliet fid-9.00 pm.***

9.08. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għal **Tender riferenza 04/2009 – Collection of Mixed Household Waste**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta tal-kumpanija **Northern Cleaning Group Ltd.** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda finanzjarjament vantagguza. Il-kelliem qal ukoll li l-Bord kien qed jirrakkomanda li s-servizz jintalab ghal-6 ijiem u dan bil-premessa li l-Kunsill jitlob li d-differenza finanzjarja ta' kemm kien johrog il-Kunsill ghal kemm ser jigi jiswa' issa l-kuntratt, il-Kunsill jitlob li tinhareg jew tigi ffinanzjata mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni kif ukoll li l-kuntratt ikun ghall-erba' snin u jibda f'effett mill-1 ta' Dicembru 2009.

9.09. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.10. Il-Kunsill qabel unanimament,

9.11. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għal **Tender riferenza 05/2009 – Collection of Bulky Refuse**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta tas-sur **Charlie Mifsud** abbazi li l-offerta tieghu hija l-aktar wahda finanzjarjament vantagguza. Il-kelliem qal ukoll li l-Bord kien qed jirrakkomanda dan abbazi li l-Kunsill jigbor aktar affarijiet zghar milli kbar. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni kif ukoll li l-kuntratt ikun ghal-sena li jista' jiggedded sa massimu ta' tlett snin u jibda b'effett mill-1 ta' Dicembru 2009.

9.12. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.13. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

9.14. Il-mozzjoni ghaddiet.

***9.15. Fid-9.10 pm is-Sindku Joe Zammit talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

9.16. Fid-9.11 pm l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex ikompli jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

9.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.19. Il-laqgha giet sospiza fid-9.12 pm u regghet tkompliet fid-9.20 pm.***

9.20. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li għal **Tender riferenza 06/2009 – Watering of Trees**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta tas-sur **Ronald Bezzina** abbazi li l-offerta tieghu hija l-aktar wahda finanzjarjament vantagguza. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni kif ukoll li l-kuntratt ikun ghal-sena li jista' jiggedded sa massimu ta' tlett snin u jibda b'effett mill-1 ta' Dicembru 2009.

9.21. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

9.22. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

9.23. Fid-9.25 pm il-laqgha giet aggornata ghall-Hamis 5 ta' Novembru fil-5.15pm bit-tkomplija ta' l-Agenda.

| Joe Zammit | Alfred Mazzitelli | Kevin Borg |
|---|---|---|
| ***Sindku*** | ***Viċi Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |

**Laqgha Numru 18/K6/2009 - Tkomplija**

**Introduzzjoni**

Tkomplija tal-Minuti tat-Tmintax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar il-Hamis 5 ta' Novembru 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.15 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fit-28 ta' Ottubru 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 17/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 17/K6/2009.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Decizjoni dwar it-Tenders u l-Kwotazzjonijiet.**

**10. Is-Servizz ta' l-Avukat tal-Kunsill.**

**11. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**12. Materji Ohra.**

## 09. Decizjoni dwar Tenders u Kwotazzjonijiet.

9.24. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiddiskuti item 11 qabel item 9.

9.25. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli issekonda.

9.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dokument K u L)**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentati ghajr tad-dawl ta' Sit B San Gorg.

11.03. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09. Decizjoni dwar Tenders u Kwotazzjonijiet.

9.27. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrefera lill-Kunsill ghall-Internal Memo 86/2009.

9.28. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni tal-laqgha sabiex ikun jista' jiltaqa' l-Bord ta' l-Ghazla.

9.29. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.30. Il-Kunsill qabel unanimament.

***9.31. Il-laqgha giet sospiza fil-5.30 pm.***

***9.32. Il-laqgha tkompliet fis-6.15 pm.***

9.33. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li meta jaslu offerti bil-posta, kemm jekk jindikaw li jkunu offerti kif ukoll le, l-offerent ghandu jigi nfurmat sabiex jigbor lura l-offerta tieghu u jigu sottomessi personalment mill-offerent fil-kaxxa ta' l-offerti.

9.34. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

9.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.36. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għall-**Kwotazzjoni 23/2009 – Publikazzjoni u printing ta' ktieb**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta tal-kumpanija **Wise Owl Publications** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar wahda finanzjarjament vantagguza. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni kif ukoll li jigu ppublikata 1,000 ktieb ghall-prezz ta' €2,695.00 eskluz il-Vat.

9.37. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.39. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2009/2010 kienu jindikaw li l-Kunsill ghall-perjodu Ottubru – Dicembru ghandu allokazzjoni ta' €2,000, liema allokazzjoni m'hijiex bizzejjed ghad-decizjoni li qed jiehu l-Kunsill.

9.40. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-ktieb m'ghandux jigi ordnat ghalissa sakemm tinsab id-differenza ta' l-ispiza minn dhul iehor li jista' jkollu l-Kunsill.

9.41. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għall-**Kwotazzjoni 24/2009 - Supply & Install CCTV Camera**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li din il-kwotazzjoni tigi deciza f'laqgħa oħra ħalli jkun hemm aktar żmien sabiex jiġu diskussa aħjar l-offerti kif ukoll ikun hemm il-possibilita' li l-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mar-rappreżentanti tal-kumpaniji Firetech Ltd., Fomeco Limited u J. Grima & Co. Ltd. minhabba li ghandhom l-ahjar prezzijiet.

9.42. Fid-dawl ta' dan kollu l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.43. Is-Sindku Joe Zammit isskeonda.

9.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.45. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għall-**Kwotazzjoni 25/2009 – Landscaping works**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur **ELCL** sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-offerta tiegħu wara li ssir spezzjoni tal-post u dan minħabba l-fatt li l-Kunsill iħoss li m'hemmx bżonn daqstant xogħol.

Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.46. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.47. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.48. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għall-**Kwotazzjoni 26/2009 – Maintenance and/or replace Gazebo Roof,** il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li tintaghzel l-offerta tas-sur **Ivan Abela** abbazi li l-offerta tieghu hija finanzjarjament vantagguza. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.49. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

9.51. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li għall-**Kwotazzjoni 27/2009 – Maintenance of Public Toilets**, il-Bord ta' l-Ghazla kien qed jirrakkomanda li l-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur **Ivan Abela** sabiex il-Kunsill jiddiskuti l-offerta tiegħu wara li ssir spezzjoni tal-post u dan minħabba l-fatt li l-Kunsill iħoss li m'hemmx bżonn daqstant xogħol. Fid-dawl ta' dan kollu l-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

9.52. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

9.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Is-Servizz ta' l-Avukat tal-Kunsill.

10.01. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona biex issir laqgha ma' l-Avukat tal-Kunsill biex issir diskussjoni dwar l-andament tas-servizz minnaha tieghu u jekk jixtieqx ikompli x-xoghol tal-Kunsill.

10.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

10.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghal-laqgha tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar il-kwistjoni tat-tender tal-palm. Il-kelliem qal li minn dak approvat fil-Minuti 17/K6/2009 jirrizulta li l-kuntratt lis-sur Karmenu Mazzitelli qatt ma kellu jigi tterminat. Il-kelliem qal li huwa kien gie zgwidat u kien iffirma l-ittra ta' terminazzjoni tal-kuntratt bi zball. Il-kelliem irrimarka ukoll li l-ittra lid-Dipartiment biex jinqalghu l-palm kienet ghadha ma saritx u ghalhekk il-Kunsill ghandu johrog works order lis-sur Karmenu Mazzitelli sabiex jaqla' l-palm kollu li huwa marid.

***12.02. Fis-6.30 pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat minhabba nteress pekunarju u halla l-kamra.***

12.03. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab li jaghmel intervent, liema talba giet milqugha.

12.04. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-decizjoni li ha l-Kunsill fil-laqgha precedenti kienet li l-Kunsill jordna lis-sur Karmenu Mazzitelli li jaqla' 10 palmiet, li jitwaqqaf u jigi terminat il-kuntratt tas-sur Karmenu Mazzitelli kif ukoll li d-Dipartiment jintalab li jaqta' l-palm li ghad fadal. Il-kelliem fakkar li tant huwa minnu

li l-Kunsillier Joe Brincat fl-istess laqgha staqsa lis-Sindku x'ser jigri jekk kemm il-darba d-Dipartiment ma jonorax li jaqla' l-palm u t-twegiba tas-Sindku fil-laqgha kienet li jekk ikun hemm bzonn, il-Kunsill jew jerga javvicina lis-sur Karmenu Mazzitelli jew inkella jingabru kwotazzjonijiet godda. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lis-Sindku sabiex jistaqsi lill-membri tal-Kunsill li kienu prezenti ghall-laqgha jigifieri lill-Kunsillier Lauro Fava u lill-Kunsillier Joe Brincat sabiex jikkonfermaw jew jinnegaw dak li kien qed jinghad. Il-kelliem fakkar lis-Sindku Joe Zammit ukoll li meta huwa bhala Sindku kien iffirma l-ittra li ntbaghtet lill-kuntrattur biex jigi tterminat il-kuntratt, huwa kien talab u ta struzzjonijiet sabiex il-kuntrattur jinghata lura l-Garanzija Bankarja, jigifieri altru milli ma kienx jaf jew gie zgwidat kif qed jigi allegat. Il-kelliem finalment qal li jekk dan mhux rifless fil-Minuti jfisser li kien hemm zball fil-Minuti tal-laqgha.

12.05. F'dan il-waqt is-Sindku Joe Zammit baqa' jinsisti li mhux x'jghid is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg u l-Kunsilliera Lauro Fava u Joe Brincat izda x'hemm imnizzel fil-Minuti jghodd.

12.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg rega irrefera ghall-Minuti u stqarr li huwa kien ikkopja l-paragrafu li qed issir riferenza ghalih minn noti li s-Sindku Joe Zammit jiccirkola lill-Kunsilliera u ghalhekk stqarr li kien ghamel zball minhabba li dak li finalment kien gie deciz huwa differenti minn dak li kien ippropona s-Sindku Joe Zammit, issekondat mill-Kunsillier Joe Brincat u maqbul waqt il-laqgha.

12.07. F'dan l-istadju ghal aktar minn darba kemm il-Kunsillier Lauro Fava kif ukoll il-Kunsillier Joe Brincat ikkonfermaw li d-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha fil-prezenza taghhom u tas-Sindku Joe Zammit kienet li l-Kunsill jittermina l-kuntratt tas-sur Karmenu Mazzitelli kif spjega aktar qabel is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

12.08. Il-Kunsillier Lauro Fava rrimarka li dik il-parti tal-Minuti ma kienetx qed tirrifletti d-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha tal-Kunsill.

12.09. Fid-dawl ta' dan is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Minuti ghandhom jigu jirriflettu dan u ghalhekk ghandhom jigu kkoreguti. Il-kelliem irrimarka wkoll li din id-diskussjoni qamet mhux qabel gew approvati l-Minuti izda fil-kontinwazzjoni tal-laqgha meta dawn gew approvati.

12.10. Is-Sindku Joe Zammit baqa' jinsisti li l-Minuti huma vangelu u hekk gew approvata u m'ghandomx jigu rrangata jew emendati.

***12.11. Fis-7.00 pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rega dahal ghal-laqgha.***

***12.12. Fis-7.00 pm il-Kunsillier Joe Brincat talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

12.13. Wara d-diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit ippropona li tinhareg direct order lis-sur Karmenu Mazzitelli u tinhareg direct order lill-kuntrattur Shawn Farrugia biex jinqalghu palm li hawn marid fil-lokal biex b'hekk titnaqqas il-firxa tal-mard fuq palm iehor u minhabba ukoll id-dewmien tad-dipartiment li jintervejeni.

12.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.15. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw favur, il-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli astjena.

12.16. Il-mozzjoni ghaddiet.

12.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku Joe Zammt kif ser jigi ffinanzjat dan ix-xoghol.

12.18. Wara diskussjoni li saret is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-proposta sabiex isir ktieb dwar il-lokal ghandha tistenna u minflok il-flus jintuzaw ghal dan il-ghan.

12.19. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.20. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

12.21. Il-mozzjoni ghaddiet.

12.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kotba ssuggeriti minn Merlin Library huma kollha kotba nteressanti u ghalhekk hija difficli sabiex jitnaqqsu xi kotba biex jinxtraw ammont li ma jaqbizx il-valur totali ta' € 466.00, liema ammont huwa dak li rcieva l-Kunsill bhala ghotja minghand il-Gvern. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li l-kotba kollha jiswew total ta' €888.88 izda bl-iskont moghti ser jiswew €707.70 u ghalhekk irrakkomanda lill-Kunsill, li l-Kunsill jinvesti d-differenza sabiex dawn il-kotba jinxtraw kollha, liema xiri huwa parti mid-delega tal-Kunsill.

12.23. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li ghalissa l-prijorita' hija l-qlugh tal-palm minhabba il-mard li fiehom u mhux il-kotba u ghalhekk il-Kunsill ghandu jixtri biss bl-ammont ta' € 466.00.

12.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.25. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava vvota kontra.

12.26. Il-mozzjoni ghaddiet.

12.27. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li gie mistoqsi li fl-ewwel Kunsill kien hemm lapida kommemorattiva barra l-Kunsill li tfakkar ufficjalment il-ftuh ta' l-ewwel Kunsill fi zmien meta kien Sindku s-Sur Joe Demicoli, liema lapida llum m'ghadiex tezisti. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li din terga ssir u ssir tal-perspex u titwahhal fejn kien il-bieb principali dak iz-zmien.

12.28. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.29. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tintbaghat ittra lir-residenti kollha ta' Pembroke dwar klieb li jhammgu wara bibien tan-nies fejn ir-residenti jigu mitluba jikkoperaw minhabba li min ma jnaddafx ikun qed jikser il-ligi.

12.31. Il-Kunsillier Lauro Fava ssekonda.

12.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.33. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ssir bollard quddiem il-passagg li hemm faccata ta' Blk 11, Hse 1, Triq Tunis. Il-kelliem qal li ghandha tintuza bollard li ghandu diga l-Kunsill.

12.34. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.36. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li ssir ittra lill-Pembroke Racket Tennis Club ghax qed johorgu l-iskart tard.

12.37. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.39. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li tinhareg cirkulari lir-residenti kollha dwar il-hinijiet tal-kollezzjoni ta' l-iskart sabiex ma jinharigx skart kmieni kif ukoll li jkun hemm informazzjoni dwar il-gbir ta' skart riciklat nhar ta' Tlieta.

12.40. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

12.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.42. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li tinkiteb ittra lid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika minhabba problema tad-drenagg li qed ikollhom familja Boyd ta' Blokk 6 Flat 2, Triq Pietru D'armenia.

12.43. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li kien rcieva lment dwar crash barrier li hemm fi Triq Sant Andrija wara St. Caterine High School fejn qal li dan il-persuna kien infurmah li l-Kap ta' l-Iskola s-Sur Midolo kien qallu li hija responsabbilita' tal-Kunsill li din issir ahjar milli hija.

12.44. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jikteb lill-ADT sabiex tigi upgraded din il-barrier u ssir fejn ma hemmx.

12.45. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.47. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li jkun hemm tqassim ahjar tax-xoghol ta' l-iskrivana billi jkun hemm roaster ta' xahar kull wahda fejn jalteraw ix-xoghol ta' xulxin. Il-kelliem qal li kien wasal iz-zmien li Kirsty Rizzo ma tibqax biss bhala receptionist izda tkun taf ix-xoghol ta' kulhadd halli tkun tista' tavvanza fil-pozizzjoni taghha.

12.48. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ssekondat.

12.49. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab li jaghmel kumment.

12.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u s-Sindku Joe Zammit talbu li l-ewwel jittiehed il-vot u ghalhekk it-talba giet michuda.

12.51. Il-mozzjoni giet approvata unanimament.

12.52. Is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

12.53. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li Kirsty Rizzo ghadha m'hiex f'pozizzjoni li taghmel ix-xoghol li taghmel l-iskrivana Alison Micallef ghalkemm qed titghallem izda ghad fadal hafna. Il-kelliem qal li huwa jixtieq li meta jkunu ser jitressqu proposti simili jixtieq li jkun ikkonsultat bhala l-Kap Ezekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju tal-Kunsill u dan sabiex huwa jkun jista' jiddelega xoghol ahjar. Il-kelliem qal li d-decizjoni tal-Kunsill ser tfisser li ma jkunx hemm kontinwita' fix-xoghol klerikali minhabba li hadd m'huwa ser ikun jista' jkun responsabli li jaghti rendikont ta' ghemilu dwar ix-xoghol li jkun ghamel.

12.54. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li d-decizjoni ttiehdet propju biex is-Sinjorina Kirsty Rizzo titghallem ukoll xoghol iehor li qed isir bhalissa mis-Sinjorina Alison Micallef u issa s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghandu jara li tigi atwata.

12.55. Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lill-MEPA sabiex jittiehdu passi kontra l-Familja Grech ta' 29, Triq Dun Amabile Sisner minhabba li r-rampa tal-bankina kienet ghadha ma gietx irrangata wara li kienu saru rapporti lura f'Awwissu 2009.

12.56. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li b'effett immedjat il-prassi tal-Kunsill ghandha tkun li l-laqghat tal-Kunsill jibdew isiru kull 3 gimghat. Il-kelliema regghet tenniet li mhux sewwa li l-laqghat isiru meta jkun jista' biss is-Sindku u l-minoranza ma tigiex ikkalkulata.

12.57. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.59. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Ghaqda Ambjent Pembroke fejn qal li kellhom kamra ta' l-injam li tnehhitilhom, u ghalhekk ippropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni li jinghataw art minghand id-Dipartiment ta' l-Artijiet wara l-blokki f'St. Patricks.

12.60. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli issekonda.

12.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.62. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera kollha li fil-laqgha li gejja ser ikun qed jipprezenta dekasteri godda lil kull Kunsillier skond l-emendi ta' Att tal-Kunsilli Lokali li jitlob li kull Kunsillier ikun responsabbli minn xi dekasteru/xoghol tal-Kunsill. Il-kelliem qal li qed jaghti dan l-avviz qabel mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jmur ic-China fuq zjara privata u familjari.

12.63. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-proposti ghandhom jigu ccirkolati lill-membri tal-Kunsill.

12.64. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sur Mark Abela li qed jaghmel xoghol ta' welding, diga thallas l-ammont ta' €954.50 u ghalhekk fadal ftit sabiex jintlahaq l-ammont ta' €1,164.69, li huwa permess bhala direct order u ghalhekk dan ifisser li ghad fadal 18 il-siegha xoghol.

12.65. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li dan is-suggett jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

12.66. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ssekondat.

12.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.68. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li ssir laqgha mal-persuna tal-kumpanija Infinite Fusion Technologies kemm jista' jkun malajr dwar is-sistemi ta' l-IT li ghandu l-Kunsill.

12.69. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

12.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.71. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa x'ser ikun is-suggett li ser jigi diskuss sabiex jinforma lill-kumpanija minn qabel.

12.72. Il-membri tal-Kunsill qalu li m'hemmx ghalfejn is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg jkun infurmat b'dan.

12.73. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li jintalab il-parir tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk meta jkun hemm decizjoni fuq mozzjoni fil-Kunsill, fil-Minuti ghandhomx jitnizzlu l-ismijiet tal-membri tal-Kunsill u kif ikunu vvutaw inkluz tal-proponiment u s-sekondant.

12.74. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha mas-Supretendent Sharon Tanti.

12.75. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.76. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.77. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fid-9.15pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 25 ta' Novembru 2009 fil-5.30 pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |